PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

2005/2169(INI)

23.11.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar ir-rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni: Metodoloġija għal kontroll sistematiku u rigoruż
(2005/2169(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Riccardo Ventre

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. jilqa' l-approċċ il-ġdid adottatt mill-Kummissjoni fir-rigward tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, li jirrappreżenta punt ta' tluq ideali biex jiġu garantiti aktar ħarsien u viżibiltà tad-drittijiet fundametali ta' l-Unjoni Ewropea;

2. jispera li l-metodoloġija indikata, li biha l-Kummissjoni bi ħsiebha timplimenta l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea fil-proposti leġiżlattivi tagħha, issib applikazzjoni prattika u konkreta;

3. jikkunsidra li l-attenzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ħarsien tad-drittijiet fundametali tul l-istadji kollha tal-proċedura leġiżlattiva għandha tintlaqa' b'sodisfazzjon; madankollu, jenfasizza l-bżonn li jissaħħaħ l-involviment tal-Parlament Ewropew, bħala korp demokratiku per eċċellenza, fil-proċedura ta' verifika tal-kompatibiltà tal-proposti leġiżlattivi mad-drittijiet stipulati fil-Karta;

4. iqis li huwa neċessarju involviment akbar tal-kumitati tal-Parlament Ewropew fil-kontroll tal-kompatibiltà tal-proposti leġiżlattivi mad-drittijiet fundamentali; b'mod partikulari jissuġġerixxi bidla tar-regolament intern tal-Parlament Ewropew, sabiex tippermetti dan li ġej:

   – li l-kumitat responsabbli għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali jwettaq evalwazzjoni ta' l-impatt tal-proposti leġiżlattivi kollha tal-Kummissjoni li fil-probabiltà jaffettwaw l-istess drittijiet stipulati fil-Karta;

   – li kull meta, waqt proċedura leġiżlattiva, il-Parlament Ewropew, jew wieħed mill-kumitati tiegħu, iqajjem kwistjoni relatata mal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali, din il-kwisjoni tkun tista' tgħaddi lill-kumitat rilevanti biex issir verifika, filwaqt li jiġi żgurat il-koordinament neċessarju għal dan il-għan;

5. jenfasizza li, minkejja l-eżistenza ta' mekkaniżmi ġenerali ta' konsultazzjoni, huwa importanti li jkun hemm involviment akbar ta' l-organizzazzjonijiet u l-korpi esterni indipendenti li jieħdu ħsieb speċifikament kwistjonijiet marbuta mad-drittijiet fundamentali; għal dan il-għan, jistieden lill-Kummissjoni biex tfassal mekkaniżmu speċifiku ta' konsultazzjoni ma' dawn il-korpi waqt it-tfassil tal-proposti leġiżlattivi, li għandhom impatt fuq id-drittijiet fundamentali;

6. iqis neċessarju li għandu jkun possibbli li l-aġenzija futura tad-drittijiet fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, fuq talba ta' l-istituzzjonijiet konċernati, issir involuta permezz tal-ħruġ ta' opinjoni waqt it-tfassil ta' proposta leġiżlattiva jew waqt proċedura leġiżlattiva konkreta;

7. jenfasizza l-importanza li l-kontroll sistematiku intern fuq ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fil-faż ta' tfassil tal-proposti leġiżlattivi jkun is-suġġett ta' rapport spjegattiv

apposta, li jipprovdi bażi legali għall-ħarsien ta' drittijiet bħal dawn;

8. jenfasizza l-importanza li jiġu stabbiliti mezzi xierqa ta' komunikazzjoni u informazzjoni għaċ-ċittadini u għall-istituzzjonijiet Ewropej dwar il-kontroll intern tal-ħarsien għad-drittijiet fundamentali, anki permezz tat-tfassil ta' rapporti perjodiċi dwar is-suġġett.

PROĊEDURA

Titolu	Ir-rispett tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali fil-proposti leġiżlattivi tal-Kummissjoni: metodoloġija għal kontroll sistematiku u rigoruż
Numru tal-Proċedura	2005/2169(INI)]
Kumitat responsabbli	LIBE
Opinjoni mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFCO 29.9.2005
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Riccardo Ventre 17.11.2005
Rapporteur għal opinjoni preċedenti	
Eżami fil-kumitat	21.2.2006 20.3.2006 11.7.2006 22.11.2006
Data ta' l-adozzjoni	23.11.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 11 – : 2 0 : 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Richard Corbett, Panayiotis Demetriou, Andrew Duff, Maria da Assunção Esteves, Ingo Friedrich, Daniel Hannan, Jo Leinen, Íñigo Méndez de Vigo, Marie-Line Reynaud, Alexander Stubb
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Ashley Mote, Gérard Onesta, Georgios Papastamkos
Sostitut(i) (skond l-Art 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	
Kummenti (informazzjoni disponibbli b'lingwa waħda biss)	